

# L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar sena



**Josef Borg**
***President***

Bla dubju ta' xejn, il-pandemija tal-COVID-19 tat daqqa ta' ħarta lis-settur tal-volontarjat, majnata li mhux faċli li jqum minnha. Din il-pandemija ma konniex qed nistennewha u lanqas ma konna qed nippreparaw għaliha, iżda waslet fuq xtutna bħal sajjetta fil-bnazzi. Bħal diversi stabbilimenti oħrajn, il-każini kienu magħluqin mill-Awtorità tas-Saħħa Pubblika għal perjodu twil ta' żmien. Hsibna li se tkun diffiċli biex tagħlaq il-bibien, imma fil-verità ftit konna nafu, jew forsi ma ridniex naċċettaw, li se tkun ferm iktar diffiċli biex terġa' tiftaħ wara li jgħaddi l-agħar.

Tul dawn ix-xhur li għamilna bil-bibien magħluqa, ix-xogħol baqa' għaddej għalkemm forsi b'ritmu inqas minn ta' qabel. Wassalna fi tmiemu proġett bl-isem ta' "It-Teknoloġija fit-tagħlim mużikali" fl-iskema "It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda, 2020" amministrata mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Permezz ta' dan il-proġett, investejna f'għadd ta' tablets li qassamna lill-istudenti tagħna u f'numru ta' strumenti, kif ukoll abbonajna għal software professjonali li jintuża fit-tagħlim mużikali, kemm tat-teorija, kif ukoll tal-prattika. Nistqarr li qatt ma kien il-ħsieb tagħna li naqilbu kompletament it-tagħlim għall-mod virtwali, imma għall-inqas kellna l-għodda biex stajna nagħmlu dan mingħajr wisq telf ta' żmien meta ġejna kostretti nagħmlu hekk.

Proġett ieħor ambizzjuż li temmejna b'suċċess kien jittratta l-istorja tal-għaqda tagħna, bl-isem ta' "Nippreservaw u nikkomunikaw l-Istorja tal-Għaqda" fl-iskema "*Voluntary Organisations Projects Scheme 2020*" amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju. Dan il-proġett kien maqsum fuq tliet fażijiet. Fl-ewwel fażi għamilna xogħol ta' preservazzjoni u arkivjar b'mod professjonali tad-dokumenti storiċi u importanti tal-għaqda tagħna sa mill-bidu tagħha sabiex dawn ma jkomplix jiġrilhom iktar ħsara, grazzi għax-xogħol siewi u imprezzabbli tas-Sinjorina Maria Borg. Dawn jinkludu l-minuti, il-korrispondenza, ritratti u materjal ieħor li għandu l-każin, u fl-istess waqt irranġajna l-uffiċċju tas-segretarju sabiex ikun jista' jilqa' dan il-materjal. It-tieni parti kienet tiffoka fuq il-kitba dettaljata u riċerkata tal-istorja tal-għaqda, grazzi għall-ħidma mirquma tas-Sur Jonathan Muscat fuq ix-xogħol mibdi mill-mibki Jimmy Muscat. B'hekk għandna miġbura fid-dettall l-istorja tal-ewwel 75 sena tal-għaqda. Fit-tielet fażi ppreparajna esebizzjoni semipermanenti fuq l-istorja tal-għaqda, grazzi speċjalment għax-xogħol tas-Surmast Anthony Borg li b'ħafna paċenzja u ħsieb dar ir-ritratti kollha sabiex stajna nagħżlu minnhom u tas-Sur Stephen Grima li ħa ħsieb id-disinn finali. Din qed tkun esebita fis-sular t'isfel tal-każin u tkun tista' tinġarr meta u fejn ikun hemm bżonn.

Bħalissa għaddejjin b'diversi proġetti oħra. Se nsemmi biss ix-xogħol li għaddej fuq il-faċċata tal-każin fl-iskema "Irrestawra Darek" amministrata mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ix-xogħol tal-ġebel u x-xogħol tal-injam fuq il-bibien tal-gallarija fit-tieni sular tal-każin issa huwa lest. Issa jonqos li naqbdu s-sular t'isfel u jsir ix-xogħol neċessarju f'dan il-livell. Il-loġistika f'dan il-każ hi iktar kumplessa, imma ninsabu kunfidenti li fix-xhur li ġejjin naraw ukoll it-twettiq ta' din il-parti tal-proġett.

Kif jafu bosta nies li huma midħla tal-każin tagħna u dawk li jsegwu l-kitbiet fuq il-fuljett annwali li nippubblikaw, f'dawn l-aħħar snin l-Għaqda Mużikali Imperial investiet ħafna ħin u riżorsi biex tieħu inizjattivi varji, u biex tibbenifika minn diversi skemi ta' fondi u twettaq proġetti li jolqtu diversi aspetti li jikkaratterizzaw il-ħajja f'każin tal-banda. Dan ma sarx mingħajr tbatija u mingħajr sagrifiċċji, imma b'ħafna dedikazzjoni u impenn. Nixtieq għalhekk nagħmel appell sabiex flimkien nagħmlu kuraġġ u nippruvaw biex, fl-iqsar żmien possibbli, nerġgħu naqbdu t-triq li kellna nitilqu minnha f'daqqa waħda, sabiex dak li bdejna matul is-snin nipproteġuh, insaħħuh, insostnuh u nkattruh, dejjem b'risq din l-għaqda li tant inħobbu u għall-ġid ta' raħalna l-Mellieħa.

# MANUEL'S GARAGE

Il-Mellieħa, Malta

**Taxi & Car Hire**
**Cars for Sale**
**Long Lease Apartments**





Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**



# MARIO GAUCI

***Fruit & Vegetable Seller***

***10, South Street, Mellieħa***

*Daily vendor selling at St. Paul's Bay and Mellieħa*

**Mob: 9945 5717**


